**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**(Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud - Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 61/2024VG**

**XXX**

**Vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana**

**Illum 26 ta' Mejju 2025**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat mis-soċjetà XXX, fl-24 ta' Lulju 2024, permezz ta' liema jitolbu li t-Tribunal jiddikjara li l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana għall-ħlas tas-somma ta' €731,332.79 kif dedotta fl-ittri uffiċjali fl-ismijiet "Il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana v. Joseph Attard pro et noe" bin-Numru 3152/2024, "Il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana v. Joan Attard pro et noe" bin-Numru 3153/2024, "Il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana v. Pauline Attard pro et noe" bin-Numru 3150/2024, "Il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana v. Maria Calleja pro et noe" bin-Numru 3151/2024 u "Il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana v. Attard Farm Supplies Limited" bin-Numru 3154/2024, ilkoll ippreżentati fl-10 ta' Lulju 2024, flimkien mat-talbiet ta' l-ispejjeż ta' l-istess att, hija infondata fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement jgħaddi biex jannulla l-istess in kwantu l-ebda taxxa ma hija dovuta minnhom; bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana;

Ra d-dokument anness mar-Rikors promotur markat Dok. "A" a fol. 5 u 6 tal-proċess;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana permezz ta' liema jopponi għat-talba tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra tagħhom, u minflok il-pretensjoni tiegħu fil-konfront tagħhom tiġi kkonfermata, stante li l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tar-Rikorrenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana markati Dok. "A" sa' Dok. "D4" a fol. 16 sa' 45 tal-proċess;

Ra li fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2025[1], it-Tribunal *ex officio* ssolleva n-nuqqas ta' kompetenza tiegħu biex jittratta dawn il-proċeduri stante li fil-konfront tar-Rikorrenti inħarġu ittri uffiċjali;

Sema' x-xhieda ta' Joseph Attard, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' April 2025 u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JM" sa' Dok. "JM2" a fol. 65 sa' 84 tal-proċess;

Ra li fis-seduta tad-29 ta' April 2025, il-partijiet kontendenti ddikjaraw li fir-rigward tan-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal, ma għandhomx iktar provi x'jressqu;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-Difensuri tal-partijiet kontendenti dwar il-punt trattat f'dan l-istadju tal-proċeduri, ossia n-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal biex jittratta u jiddetermina l-proċeduri odjerni;

Ra li b'Digriet mogħti llum stess, 26 ta' Mejju 2025, it-Tribunal ordna korrezzjoni fir-Rikors promotur, senjatament taħt l-intestatura tat-Tribunal, billi jiżdiedu l-kliem "Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud - Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta";

Ra li d-Difensur tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana tat ruħha b'notifikata bir-Rikors promotur kif korrett u rrinunzjat għal kwalunkwe eċċezzjoni dwar it-terminu tal-preżentata ta' l-imsemmi Rikors;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

Bil-proċeduri odjerni r-Rikorrenti jikkontestaw l-interpellazzjoni għall-ħlas tas-somma ta' €731,332.79, rappreżentanti taxxa fuq il-valur miżjud, magħmula mill-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana lil kull wieħed u waħda minnhom permezz ta' ittri uffiċjali datati 10 ta' Lulju 2024. Huma jitoblu li t-Tribunal jiddikjara li l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana għall-ħlas ta' l-imsemmija somma ta€ '731,332.79, kif dedotta fl-ittri uffiċjali hekk maħruġa kontrihom, flimkien mat-talbiet ta 'l-ispejjeż ta 'l-istess att, hija infondata fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement jgħaddi biex jannulla l-istess in kwantu l-ebda taxxa ma hija dovuta minnhom.

Huma jibbażaw it-talba tagħhom fuq is-segwenti premessi: (1) *ir-rikorrent Joseph Attard ilu għal diversi xhur jikkorrispondi ma' diversi rappreżentanti tal-Kummissarju intimat, sabiex jiġu diskussi l-ammonti allegatament dovuti, u kien sorpriż ferm meta - filwaqt li għadhom għaddejjin l-imsemmija diskussjonijiet - il-Kummissarju ntavola din l-imsemmija ittra uffiċjali, in kwantu kien proprju qiegħed jistenna diversi rispost mingħand il-Kummissarju;* (2) *kien proprju r-rikorrent Joseph Attard li qiegħed jikkomunika ma' rappreżentanti tal-Kummissarju intimat u għadu sa' llum il-ġurnata jistenna informazzjoni u dokumentazzjoni mitluba minnu mingħand l-istess Kummissarju intimat, liema informazzjoni u dokumentazzjoni għadhom ma waslux għandu*; (3) *ġjaladarba l-partijiet għadhom għaddejjin f'diversi diskussjonijiet, ikun ta' preġudizzju kbir għar-rikorrenti li kieku l-Kummissarju inġustament jipproċedi bl-eżekuzzjoni tal-kreditu li huwa dovut mir-rikorrent pro et noe*; (4) *kien jispetta lill-Kummissarju intimat sabiex iġib prova li l-ammont pretiż minnu huwa debitament*

[1] Fol. 63 tal-proċess.

*dovut, u wkoll li l-Kummissarju intimat osserva l-proċeduri imposti fuqu mill-Artikolu 59 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta), u cioè prova li l-avviż relattiv intbagħat skond il-liġi u ġie notifikat lir-rikorrenti kollha qabel ma hu pproċeda bl-intavolar ta' l-ittra uffiċjali;* (5) *l-Artikolu 59 jistipula biċ-ċar li l-Kummissarju intimat għandu l-ewwel jipproċedi permezz ta' avviż li juri l-ammont ta' taxxa u penali amministrattivi allegatament dovuti, u jista' jipproċedi bl-intavolar ta' l-ittra uffiċjali relattiva ta' l-inqas wara tletin (30) jum min-notifika ta' l-istess avviż. Jingħad li kien jispetta lill-Kummissarju li jġib prova li huwa adopera l-proċedura stipulata b'mod korrett;* (6) *kif ser jirriżulta fil-mori ta' dawn il-proċeduri, l-ammont pretiż mill-Kummissarju intimat fl-ittri uffiċjali rispettivi huma żbaljati u nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

Il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana jopponi għat-talba tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess tiġi miċħuda u minflok l-interpellazzjoni għall-ħlas da parte tiegħu tiġi ikkonfermata stante li hu pproċeda ai termini ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta in vista tan-nuqqas ta' ħlas is-somma ta' €731,332.79. Huwa mexa mad-dettami tal-Liġi u għaldaqstant jista' jgħaddi għall-ħlas in forza tat-titolu eżekuttiv tiegħu.

It-Tribunal *ex officio* qajjem in-nuqqas ta' kompetenza tiegħu biex jittratta u jiddetermina t-talba tar-Rikorrenti stante li nħarġu ittri uffiċjali fil-konfront tagħhom da parte tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, u għaldaqstant din id-deċiżjoni ser tittratta u tiddetermina dan il-punt.

Il-kompetenza tat-Tribunal f'materja dwar taxxa fuq il-valur miżjud u kwistjonijiet nascenti mill-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, hija ben delinejata fl-imsemmi Att. L-Artikolu 45 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *għandu jitwaqqaf Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva bil-għan li jisma' u jaqta' appelli u riferenzi li jsiru skond l-artikoli 43 u 44.*

L-Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *kull persuna li tħoss ruħha aggravata* ***bi stima***[2] *li tiġi notifikata lilha tista' tagħmel appell kontra dik l-istima lit-Tribunal* u l-Artikolu 44 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: ***jekk tqum xi kwistjoni, li ma tkunx stima***[3]*, dwar - (a) ir-reġistrazzjoni ta' persuna taħt dan l-Att jew it-tħassir ta' dik ir-reġistrazzjoni; (b) kull taxxa li għandha titħallas fuq provvista jew akkwist ħlief għal taxxa stmata fi stima u kull tnaqqis li jista' jintalab lura kontra dik it-taxxa; (ċ) jekk operazzjoni li ssir jew kellha ssir minn persuna tkunx provvista taxxabbli jew akkwist taxxabbli jew le jew jekk importazzjoni ta' oġġetti magħmula jew li jkollha tintagħmel minn persuna tkunx importazzjoni taxxabbli jew le; (d) kull taxxa li għandha titħallas fuq l-importazzjoni ta' oġġetti; (e) il-lok, il-ħin u l-valur taxxabbli ta' provvista jew akkwist taxxabbli; (f) l-ammont ta' tnaqqis permess lil persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 għal xi żmien ta' taxxa; (g) kull garanzija meħtieġa mill-Kummissarju taħt dan l-Att; (h) jekk xi ħlas lura ta' taxxa mitlub minn xi persuna jkunx dovut jew għandux jitħallas lil dik il-persuna jew le; (i) kull punt ta' liġi li m'huwiex inkluż fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu (j) kull ħaġa li, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' kull regolament li jsir bis-saħħa ta' dan l-Att, tista' tinġieb fl-appell; (k) l-impożizzjoni ta' kull penali amministrattiva, ħlief meta imposta bħala riżultat ta' stima,* ***dik il-kwistjoni tista' tiġi riferita lit-***

[2] Enfasi tat-Tribunal.
[3] Enfasi tat-Tribunal.

***Tribunal***[4] *minn kull persuna li turi għas-sodisfazzjon tat-Tribunal li għandha interess dirett f'dik il-kwistjoni jew mill-Kummissarju.*

Il-proċeduri odjerni evidentement ma humiex appell minn stima maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana fil-konfront tar-Rikorrenti in kwantu huma proċeduri li bihom ir-Rikorrenti jittentaw jattakkaw il-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana fil-konfront tagħhom avvanzata permezz ta' l-ittri uffiċjali datati 10 ta' Lulju 2024. Għaldaqstant, it-Tribunal ma jistax jitiqes li huwa kompetenti ai termini ta' l-Artikoli 45 u 43 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-fehma tat-Tribunal lanqas jista' jitqies li dawn il-proċeduri huma referenza ai termini ta' l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu ma jaqgħu taħt l-ebda wieħed mis-subparagrafi elenkati fl-imsemmi artikolu tal-Liġi.

Għal kull buon fini jiġi osservat li dawn il-proċeduri lanqas ma jistgħu jitqiesu li jaqgħu taħt il-provvedimenti iktar ġeneriċi ta' l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta kif stipulati fis-subparagrafi (i) u (j) in kwantu fihom ma huwiex qed jiġi trattat punt ta' liġi u l-materja proposta mir-Rikorrenti fir-Rikors tagħhom ma hijiex tali li ai termini ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jew xi Regolament magħmul taħtu tista' tinġieb fl-appell.

Kif appena osservat, bil-proċeduri odjerni r-Rikorrenti jikkontestaw l-interpellazzjoni għall-ħlas tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana tas-somma ta' €731,332.79 avvanzata fil-konfront tagħhom permezz ta' l-ittri uffiċjali datati 10 ta' Lulju 2024 u jikkontendu li ebda ammont ma huwa minnhom dovut. Huwa evidenti għalhekk li r-Rikorrenti ma huma qed iqajmu l-ebda punt ta' Liġi f'dawn il-proċeduri. In oltre jirriżulta, kemm mill-atti kif ukoll mix-xhieda ta' Joseph Attard, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana[5], li l-Kummissarju skatta fil-konfront tar-Rikorrenti l-proċedura kontemplata fl-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *(1) Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xhieda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. (2) Il-Kummissarju jista'* ***jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skond l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju***[6]*. Meta jiskadi il-perijodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirreġistra fir-reġistru pubbliku jew fir-reġistru ta' l-artijiet, skond il-każ, nota ta' privileġġ għall-ammont mitlub fl-att ġudizzjarju u dik in-nota ta' privileġġ tista' tiġi reġistrata minn kull avukat jew nutar. (3) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 468 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw dwar kull mandat maħruġ bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi f'dan l-artikolu għall-iżbank ta' kull flus li jinġabru mill-bejgħ fl-irkant tal-proprjetà maqbuda, u ebda oppożizzjoni jew riżerva*

[4] Enfasi tat-Tribunal.
[5] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-29 ta' April 2025.
[6] Enfasi tat-Tribunal.

*fiċ-ċedola ta' depożitu ma għandha twaqqaf il-ħlas ta' xi somma li tkun depożitata fil-qorti wara li jkun sar dak il-mandat kif imsemmi qabel.*

In effetti, hekk kif dikjarat mir-rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana Joseph Attard, jirriżulta li fl-24 ta' Awwissu 2023 il-Kummissarju ħareġ Noti ta' Talba għall-Ħlas fil-konfront ta' kull wieħed u waħda mir-Rikorrenti, liema Noti ta' Talba għall-Ħlas ġew kollha notifikati, hekk kif jirriżulta mid-dokument esebit mill-imsemmi Joseph Attard markat Dok. "JM" a fol. 65 sa' 78 tal-proċess. In segwitu għal dawn in-Noti, madwar ħdax-il xahar wara, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana pproċeda bil-ħruġ ta' ittri uffiċjali fil-konfront ta' kull wieħed u waħda mir-Rikorrenti, liema ittri uffiċjali ġew ippreżentati quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

F'dan l-istadju, ossia **wara li ġew ippreżentati l-ittri uffiċjali quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili <u>in esekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv</u> li l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana jikkontendi li għandu fil-konfront tar-Rikorrenti**, it-Tribunal assolutament ma għandux kompetenza biex jittratta u jiddetermina kwalunkwe kontestazzjoni tar-Rikorrenti verso t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana għall-ħlas tas-somma ta' €731,332.79 hekk minnu avvanzata bl-imsemmija ittra uffiċjali fil-konfront tar-Rikorrenti.

Hawn it-Tribunal jagħmel referenza għall-Artikolu 741(b) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod partikolari għall-ewwel proviso ta' l-istess, illi jiddisponi li: *l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata - … (b) meta, għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha: Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal* ***li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża***[7]*:*

Fil-fehma tat-Tribunal l-aħħar parti ta' dan il-provvediment tal-Liġi hija ferm importanti għar-raġuni li meta tiġi sollevata eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, sia mill-partijiet kontendenti jew *ex officio* mill-Qorti jew Tribunal jew Bord, skond il-każ, u dik l-eċċezzjoni titqies ġustifikata, il-Qorti/Tribunal/Bord li jkun hekk iddeċieda li ma huwiex kompetenti li jittratta l-materja posta quddiemu, ma għandux b'mod awtomatiku u bla konsiderazzjoni ta' xejn jibgħat l-atti tal-proċeduri quddiem Qorti/Tribunal/Bord ieħor **iżda** l-atti għandhom hekk jintbagħtu **<u>biss</u>** kemm-il darba jqis li tali Qorti/Tribuna/Bord ieħor **għandu effettivament jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża**.

Fil-każ in eżami r-Rikorrenti kjarament qed jikkontestaw il-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana għall-ħlas ta' somma ta' €731,332.79, tant illi fir-Rikors promotur jippremettu: illi qabel il-ħruġ ta' l-ittri uffiċjali datati 10 ta' Lulju 2024, huma kienu qed jikkorrispondu mar-rappreżentanti tal-Kummissarju ***sabiex jiġu diskussi l-ammonti allegatament dovuti***[8], illi l-Kummissarju tat-Taxxa u id-Dwana kellu jġib prova li ***l-ammont pretiż minnu huwa debitament dovut***[9], u li ***l-ammont pretiż mill-Kummissarju intimat fl-ittri uffiċjali rispettivi huma żbaljati u infondati fil-fatt u fid-dritt***[10].

[7] Enfasi tat-Tribunal.
[8] Rikors promotur, enfasi tat-Tribunal.
[9] *Ibid.* Enfasi tat-Tribunal.
[10] *Ibid.* Enfasi tat-Tribunal.

Kif già iktar 'l fuq osservat, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana pproċeda fil-konfront tar-Rikorrenti permezz tal-proċedura prevista fl-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana billi ħareġ fil-konfront ta' kull wieħed u waħda minnhom Nota ta' Talba għall-Ħlas, ilkoll notifikati, u in segwitu l-ittri uffiċjali datati 10 ta' Lulju 2024. L-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta kjarament jipprovdi li kwalunkwe kontestazzjoni mit-*taxpayer* dwar il-pretensjoni għall-ħlas da parte tal-Kummissarju tat-Taxxa d-Dwana trid issir fl-istadju tal-ħruġ ta' Nota ta' Talba għall-Ħlas u mhux wara - ***Avviż*** *maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xhieda biżżejjed,* ***kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja****, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

Fil-każ in eżami ma jirriżultax li r-Rikorrenti kkontestaw il-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana fl-istadju tan-Noti ta' Talba għall-Ħlas maħruġa fil-konfront tagħhom u lilhom notifikati. Ma tressqet l-ebda prova da parte tagħhom illi istitwew proċeduri ġudizzjarji f'tali rigward u mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, senjatament mid-dokumenti esebiti mir-rappreżentant tiegħu Joseph Attard, jirriżulta li l-komunikazzjoni bejn ir-Rikorrenti u l-Kummissarju in segwitu għan-Noti ta' Talba għall-Ħlas kienet fis-sens illi:

- *Dear Sir, Reference attached letter requesting settlement of VAT due by our company. Notwithstanding an agreement with your department to stagger payments over a number of instalments, we have failed to honour all monthly payments as planned. We would like to set up a meeting to discuss re-scheduling of current agreement and future payments. Our Auditors Ef & Co. were in contact with your department on the 20th of this month on our behalf* - email ta' Joseph Attard in rappreżentanza tas-soċjetà Rikorrenti lill-Kummissarju datata 25 ta' Settembru 2023[11];
- *I am writing this email regarding the request for a repayment programme. To start a new programme, first you need to settle the balance that was under the previous one. The amount is €272,021.24 (01-04-2019 - 01-10-2019). Also you have the tax deferral tax periods which were not included in the demand notice. Those amount to €240,475.43 (01-07-20 - 01-07-21). Those we can make a commitment spread over 15 months because it need to be settled till December 2024. Afterwards, interest will be incurred. The remaining balance is €554,476.60 (01-01-22 - 01-04-23) we can make a commitment spread over 3, 4 or the maximum 5 years. If you need to ask something, do not hesitate to reply to this email* - email ta' Philip Cutajar għall-Kummissarju lil Joseph Attard għas-soċjetà Rikorrenti datata 27 ta' Settembru 2023[12];
- *Good morning, Thank you for your prompt reply. We shall revert over the coming days* - email ta' Joseph Attard għas-soċjetà Rikorrenti datata 27 ta' Settembru 2023 lil Philip Cutajar[13];
- *Dear Mr. Cutajar, Reference our communication hereunder. Our company has, over the last months, endeavoured to meet payment amounts due to your department as per agreements in place. Regretfully this has not always been possible. For current Tax period, 2024, we shall ensure that all Provisional Tax, FSS and VAT are paid within the prescribed period, hence our delay in replying to your email. To this effect, we would like to set up a meeting to discuss a fresh repayment program, spread over*

[11] A tergo ta' fol. 83 tal-proċess.
[12] Fol. 83 tal-proċess.
[13] A tergo ta' fol. 82 tal-proċess.

*a number of years, including penalties and interest* - email ta' Joseph Attard għas-soċjetà Rikorrenti lil Philip Cutajar għall-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, datata 29 ta' Mejju 2024[14];

- *As per my previous email, first you need to settle the dues that were covered by the old commitment. ... Once they are settled, we can proceed for a new commitment...* - email ta' Philip Cutajar għall-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana lil Joseph Attard għas-soċjetà Rikorrenti datata 30 ta' Mejju 2024[15].

Huwa evidenti minn din il-korrispondenza li fl-ebda stadju ma kien hemm xi forma ta' kontestazzjoni għall-ammonti pretiżi mill-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana bin-Noti ta' Talba għall-Ħlas mibgħuta lir-Rikorrenti. La r-Rikorrenti ma kkontestawx il-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana fl-istadju opportun, huma ma jistgħux, issa li nħarġu l-ittri uffiċjali fil-konfront tagħhom in esekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv li l-Kummissarju jikkontendi li għandu fil-konfront tagħhom, jikkontestaw tali pretensjoni u l-*qunatum* ta' l-istess.

Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi t-Tribunal iqis li l-ewwel proviso ta' l-Artikolu 741(b) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jsibx applikazzjoni fil-każ in eżami.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta 'u jiddeċiedi billi jiddikjara li huwa ma huwiex kompetenti biex jittratta u jiddetermina t-talba tar-Rikorrenti kif minnhom avvanzata bir-Rikors ippreżentat fl-24 ta' Lulju 2024, u konsegwentement jastejni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta 'l-istess imsemmi Rikors.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu a karigu tar-Rikorrenti flimkien u solidalment bejniethom.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[14] Fol. 82 u a tergo ta' fol. 82 tal-proċess.
[15] Fol. 82 tal-proċess.